**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018**

**Talba Nru: 434/17 CZ**

**Joe Bonello**

**vs.**

**Mark Taliana**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fit-12 ta' Settembru 2017 li permezz taghha ppremetta:

Illi l-attur inkariga lill-intimat Mark Taliana sabiex jaghmel xoghol ta' thawwil, zbir u qlugh ta' sigar fil-propjeta' tieghu, fl-indirizz hawn fuq imsemmi.

Illi l-intimat, apparti li inkluda servizzi doppji fil-kont tieghu li gie mhallas mill-attur, l-istess attur minhabba negligenza u nuqqas da parti ta' l-intimat inkluz li presta servizzi li mhumiex skond is-sengha u l-arti, kkawza danni lill-attur liema danni jikkonsistu fis-segwenti:

a) Kwantu ghas-somma ta' €234 rapprezentanti sighat imhallsa doppja;
b) L-ammont ta' €280 ghal sigar li thawwlu fil-propjeta' tal-mittenti fl-indirizz hawn fuq imsemmi u liema sigar irrizulta li gew maqtugha mill-gheruq hazin u mizrugha fi zmien hazin ukoll bir-rizultat li ma setghux jghixu;
c) L-ammont ta' €300 rapprezentanti hlas ta' labour fees ghall-uprooting ta' l-istess sigar li kellhom jitnehhew peress li mietu;
d) L-ammont ta' €20 ghar-rapport imhejji minn Lawrence Parnis;

Illi ghalhekk id-danni sofferti mill-attur jammontaw ghas-somma kumplessiva ta' tmien mija u erbgha u tmenin Euro (€884); liema amont huwa cert, likwidu u dovut, il-mittenti jinterpellak sabiex ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta thallas din is-somma b'mod immedjat [sic]

Illi l-intimat, minkejja li gie interpellat sabiex ihallas l-ammont ta' €884 kif fuq spjegat aktar permezz ta' ittra ufficcjali (Ara Dok. A hawn anness), baqa' inadempjenti;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara li l-intimat ikkawza danni lill-attur fl-ammont ta' €884.

2. Jikkundanna u jodna lill-istess intimat ihallas is-somma ta' €884 lill-attur fi zmien perentorju moghti minn dan it-Tribunal;

Bl-ispejjez legali kollha inkluz ta' l-ittra ufficcjali (Dok. A) u bl-interessi legali sa mis-7 ta' Lulju 2017 jew minn data ohra hekk kif stabbilita minn dan l-Onorabbli Tribunal sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess intimat li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fis-6 t'Ottubru 2017, il-konvenut eccepixxa:

L-allegazzjonijiet ta' l-attur huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt, mhux talli x-xoghol kollu mitlub mill-istess attur kien lest u thallas u jekk gara xi haga lis-sigar kien tor uniku tat-traskrugani ta' l-istess attur;

Illi l-attur kien kuntent bis-servizz talli hallas l-ammonti kollha dovuti u issa minhabba t-traskuragni tieghu stess mietu s-sigar u qieghed jitlob rifuzjoni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra x-xiehda ta' Lawrence Parnis (fol. 21), ta' l-attur (fol. 27), tal-konvenut (fol. 30), in-nota ta' l-attur (a fol. 34).

Sema’ s-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur talab is-servizzi ta’ gardinagg tal-konvenut ghad-dar tieghu, u senjatament sabiex jaqla’ xi sigar, u jhawwel ohrajn, u jintramew xi zkuk. Ghal dan ix-xoghol hallas elf, seba’ mija u hamsin Euro. L-attur sussegwentement dehrlu illi xi hlasijiet li ghamel kienu doppji, apparti l-fatt illi s-sigar ma ghexux, u ghalhekk ghamel din il-kawza.

Illi l-attur qal li l-ammont ta’ mitejn u erba’ u tletin Euro (€234) li jirraprezenta xoghol ghar-rimi, thallsu zejda ghaliex il-konvenut kien thallas ta’ xoghlu bis-sighat u f’dak li thallas kellu koperti s-sighat kollha, u ghal dawn is-sighat il-konvenut thallas seba’ mija u zewg Euro (€702). L-attur qal ukoll illi qed jitlob mitejn u tmenin Euro (€280) bhala l-prezz li kien hallas ghas-sigar li mietu. Ulterjorment, l-attur talab ukoll tliet mitt Euro (€300) li fil-kont originali kien jirraprezenta l-prezz tax-xoghol involut ghall-qlugh ta’ zewg sigriet, u li skond l-attur dan l-ammont kien kopert mill-hlas tax-xoghol li kien hallas bis-siegha, kif talbu l-konvenut. L-attur talab ukoll ghoxrin Euro (€20) ghal rapport li kien ghamillu Lawrence Parnis dwar dawn is-sigar. In kontro-ezami, qal li lill-konvenut kien indikalu hu fejn kellhom jigu s-sigar, u li ftehim dwar hlas ma kienx hemm minn qabel.

Illi x-xhud Lawrence Parnis li qal li z-zmien ghall-qlugh u thawwil tas-sigar in kwestjoni mhuwiex f'April izda f'Settembru. Qal ukoll illi l-kwantita' ta' gheruq li thallew wara li s-sigar iccaqalqu mill-post originali biex jithawwlu fil-post ta' l-attur kienet zghira wisq sabiex is-sigar ikunu jistghu jghixu.

Illi l-konvenut qal li wissa lill-attur li fejn riedhom, is-sigar ma kinux ha jirnexxu ghax ma kienx hemm it-terren adattat. Qal ukoll illi wara gimaghtejn l-attur beda jghidu li hadlu gholi ghall-garr, izda ma semmielu xejn dwar is-sigar. Qal ukoll illi kien ghamel disa' (9) vjaggi b'haxix u zkuk ghar-rimi, li b'kollox swew tliet mija u sittin Euro (€360) bhala spejjez. Il-konvenut insista li s-sigar tac-cipress li hawwel lill-attur huma ta' tul is-sena kollha. Sostna wkoll li s-sigar mietu ghax ma ssaqqewx. Qal ukoll illi fil-jumejn ta' wara li ghamel ix-xoghol ghand l-attur, kien qed jahdem f'dar qrib, u lill-attur ma kienx jarah isaqqi.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi kwantu ghall-mitejn u erba' u tletin Euro (€234) li l-attur qed isostni li thallsu zejda, stante li dan huwa xoghol ghal rimi, li kien diga' inkluz fil-prezz tax-xoghol li thallas bis-sighat, il-konvenut irnexxielu jipprova illi dak li kien qed jitlob meta kien qed jindika l-ispiza ta' tliet mija u sittin Euro (€360) ma kienx il-prezz tax-xoghol, izda l-ispejjez li saru ghal disa' vjaggi lejn l-Maghtab, b'erbghin Euro (€40)-il wiehed. It-Tribunal irrizultalu li l-konvenut irnexxielu jipprova illi dan l-ammont, ladarba kien jirraprezenta spejjez, u mhux prezz ghal xoghol, tnizzel korrettement taht intestatura separata fid-dokument a fol. 18, u ghalhekk l-attur m'ghandu jiehu xejn lura in konnessjoni mar-rimi ta' materjal.

Illi mhux l-istess jista' jinghad ghall-ammont l-ohra li talab l-attur; fis-sens li lit-Tribunal irrizultalu li dawn huma dovuti. Gie ppruvat a sodisfazzjon tat-Tribunal li s-sigar li thawwlu ghal mitejn u tmenin Euro (€280) gew imcaqalqa fiz-zmien hazin, apparti li nqatghulhom gheruq vitali sabiex ikunu jistghu jghixu. Irrizulta illi din ma kinitx kwistjoni ta' tisqija, kif qed jipprova jsostni l-konvenut, izda hija kwistjoni ta' caqliq tas-sigar fiz-zmien il-hazin u t-thollija ta' gheruq bizzejjed sabiex is-sigra tkun tista' tiehu dak li jkollha bzonn. Mill-mod kif sar ix-xoghol mill-konvenut, dan kollu ma setax isir. Aktar minn hekk, ma jiggjova bl-ebda mod lill-konvenut li jghid li kien istruwieh l-attur sabiex ihawwel is-sigar fil-post fejn kien indikalu; kemm-il darba l-konvenut kien qed jara li s-sigar ha jmutu minhaba nuqqas ta' terren adattat, is-sengha kienet titlob li jieqaf milli jhawwilhom hemm. Il-konvenut stess xehed dwar id-diffikulta' li kellu sabiex ghamel il-hofra mehtiega, minhabba l-ebusija ta' l-art. Kollox kien juri ghalhekk illi dan it-terren ma kienx tajjeb ghas-sigar; minkejja dan, il-konvenut, bniedem li huwa tax-xehta fil-qasam, baqa' ghaddej u hawwel is-sigar.

Illi kwantu ghat-tliet mitt Euro (€300) li l-attur qed jitlob lura rapprezentanti l-qlugh tas-sigar, it-Tribunal irrizultalu li din ukoll hija dovuta lill-attur, ghaliex ix-xoghol tal-qlugh tas-sigar kien propju parti minn dak ix-xoghol li ghalih il-konvenut thallas seba' mija u zewg Euro (€702). Aktar minn hekk, iz-zkuk tas-sigar li nqalghu ma tqattghux f'qisien tajba sabiex jintuzaw fil-fuklar, kif ried l-atur, izda thallew ferm akbar. Apparti dan, anke l-ispiza ta' ghoxrin Euro (€20) ghar-rapport ta' Lawrence Parnis hija dovuta, gialadarba l-htiega ghal dan ir-rapport inholqot minhabba l-operat tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' limitatament it-talbiet ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt Euro (€600), bl-imghax kif mitlub. L-

ispejjez tal-kawza u ta' l-ittra ufficcjali tas-7 ta' Lulju 2017 jithallsu in kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-konvenut u kwart (1/4) mill-attur.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur